# SAINT PETER AND SAINT PAUL PARISH • Nadur • Gozo

*Office: 21551649 • Parish Centre: 21560501 • www.nadurparish.com*

7th June 2026


The detailed Feast Programme is being distributed with this Bullettin. As you will notice, a great deal of work has been carried out by all the organizations within the External Festivities Committee to bring you a series of celebrations that cater to everyone. In addition to the various band marches, surprises, fireworks displays, and musical events, we have made a particular effort to schedule activities for families with young children and the children's feast celebrations in the evening. We have also added a celebratory gathering late in the morning for the elderly, including those residing in care homes. We will offer a public talk about restoration works and announce a plan outlining how we intend to continue caring for and developing the heritage passed down to us by our forefathers. We will also commemorate special anniversaries of some members of the clergy and have once again organized a small reception to welcome emigrants and another to show appreciation to our volunteers.




In addition, we would like to extend a special invitation to all Nadur residents living outside the village to join us on a novena day dedicated to them. On that same day, we will have the privilege of enjoying another original theatrical production by Joe Chircop, prepared especially for our feast and entitled **"Niċċa Ġdida" (A New Niche)**. The actors Mario Micallef and Silvio Axisa will undoubtedly succeed in bringing us into a personal encounter with Saints Peter and Paul in an intimate moment that may create a special place in our hearts for these great saints of the Church. We invite you to follow the programme and participate in every occasion so that your presence, both inside the church and in the village festivities, continues to enhance this feast in honour of Saints Peter and Paul.



**Rehearsal for children receiving the Sacrament of Confirmation:** Tuesday, 9 June, at 5:30 p.m. in the church.

**Confessions for parents and sponsors of the children receiving Confirmation:** Wednesday, 10 June, at 7:30 p.m. in the church.

**Confirmation Ceremony:** Friday, 12 June, at 6:00 p.m. in the Basilica for 40 boys and girls. To ensure a prayerful atmosphere, the evening Masses at 5:00 p.m. and 7:00 p.m. will be held at the Sacred Heart Church.

**Annual House-to-House Collection for the Internal Feast Celebrations.** From Monday to Thursday, a dedicated group of volunteers, together with the Archpriest, will visit the streets of our village from 4:00 p.m. to 8:00 p.m. This collection is held only once a year, and therefore we rely greatly on the generosity of the people of Nadur who cherish the great feast we celebrate in honour of our beloved patrons, Saints Peter and Paul. We remind you that through this collection we will be able to cover, in particular, the costs of lighting the church, square, and village streets, as well as the orchestra music during the triduum and feast days. If we do not find you at home, we will leave an envelope, which we kindly ask you to return to the mailbox of the Parish Office. With everyone's contribution, we can continue to organize beautiful celebrations that delight the senses and foster love for God and for one another.

**Floral Arrangements for the Feast.** Every year during these feast celebrations, we decorate the altar and the statue with magnificent floral arrangements, thanks to Rita Meilak for the altar arrangements and Maryanne Curmi for the arrangements in front of the statue of Saints Peter and Paul. Anyone wishing to contribute towards the artistic floral arrangements in front of the statue may donate **€25** and hand the contribution to the Archpriest. If the collection exceeds the cost of the flowers, the donations will be used to help fund the restoration of the large chandeliers, which is scheduled to begin this summer. The names of donors will be recorded in a book placed before the titular statue. We thank you in advance for your generosity.

**Health Talk by a Nutritionist.** Organized by the Fr. Francis Grima Association on Thursday, 11 June, at 9:45 a.m. in the Parish Hall on Xandriku Street.

**Summer Schedule at the MUSEUM Girls'** Centre (from July)For girls from Year 5 upwards: Every Tuesday and Friday from 5:30 p.m. to 6:30 p.m. A short lesson will be followed by games or another activity.

**Mass Intention Bookings.** Bookings for Mass intentions from July to December 2026 **w**ill open from the Parish Office on Monday, 8 June.

## Mass Times

**Sundays & Feasts:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**From Monday to Saturday:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Sacred Heart Church: from Monday to Saturday:** 11.00am **Sunday:** 7.00am

**Franciscans Convent Chapel: from Monday to Saturday:** 7.00am
**Sunday:** 6.15am; 10.15am (in English)

Ma' dan il-bullettin qed jitqassam il-Programm tal-Festa dettaljat. Kif ser tindunaw saret ħidma tassew kbira bejn l-għaqdiet kollha fi ħdan il-Kumitat Festi Esterni, biex inwasslulkom sensiela ta' ċelebrazzjonijiet li jgħoddu għal kulħadd. Minbarra d-diversi marċijiet, sorpriżi u spettakli tan-nar u l-mużika, b'mod partikulari ħsibna biex l-attivitajiet għall-familji bit-tfal żgħar u l-festa tat-tfal ikunu filgħaxija. Żidna mument ċelebrattiv tard filgħodu għall-anzjani anki dawk li jinsabu fil-homes u wara ser noffru taħdita pubblika dwar ir-restawr u ser inħabbru pjan ta' kif nixtiequ nkomplu nieħdu ħsieb u niżviluppaw il-wirt li ħallewlna missirijietna. Ħsibna wkoll biex niċċelebraw l-anniversarji tas-saċerdoti b'mod individwali, u erġajna organizzajna festin ċkejken ta' merħba lill-emigranti u ieħor ta' apprezzament lill-voluntiera.




Ma' dan, ħsibna wkoll biex inwasslu stedina speċjali għan-Nadurin kollha li jgħixu barra mir-raħal biex jiġu jingħaqdu magħna f'jum tan-novena ddedikat lilhom. Dakinhar stess se jkollna x-xorti li ngawdu minn produzzjoni oħra oriġinali ta' Joe Chircop imħejjija apposta għall-festa tagħna n-Nadurin, li ġġib l-isem "Niċċa Ġdida". Żgur li l-atturi Mario Micallef u Silvio Axisa ser jirnexxilhom idaħħluna bħal f'kuntatt personali ma' Pietru u Pawlu, f'mument intimu li jaf joħloq fi qlubna niċċa speċjali għal dawn il-Qaddisin Kbar tal-Knisja. Nistednukom issegwu mal-programm u tieħdu sehem f'kull okkażjoni sabiex il-preżenza tagħkom fil-knisja u fuq barra tkompli ssebbaħ din il-festa li qed nagħmlu lil San Pietru u San Pawl.

**Prova għat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof,** it-Tlieta 9 ta' Ġunju fil-5.30pm fil-knisja.



**Qrar għall-ġenituri u l-parrini tat-tfal** li ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju fis-7.30pm fil-knisja.

**Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Ġunju** fis-6.00pm fil-Bażilika se jkun hemm il-Griżma tal-Isqof għal 40 tifel u tifla. Sabiex nassiguraw klima ta' ġabra, il-Quddies ta' filgħaxija tal-5.00pm u tas-7.00pm ser isiru fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù.

### Il-ġabra bieb bieb għall-festa ta' ġewwa

Minn nhar it-Tnejn sal-Ħamis grupp sabiħ ta' voluntiera ser joħroġ flimkien mal-Arċipriet fit-toroq ta' raħalna mill-4.00pm sat-8.00pm. Din il-ġabra ssir biss darba fis-sena, għalhekk nafdaw ħafna fuq il-ġenerożità tagħkom in-Nadurin li għandkom għal qalbkom il-festa kbira li dejjem nagħmlu lill-għeżież patruni tagħna Pietru u Pawlu.

Infakkrukom li permezz ta' din il-ġabra nistgħu nħallsu b'mod speċjali l-mixegħla tad-dawl tal-knisja, tal-pjazza u tat-toroq kollha tagħna u l-mużika tal-orkestra fil-jiem tat-tridu u l-festa. Meta ma nsibukomx inħallulkom envelop li ġentilment nitolbukom twassluh fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju Parrokkjali.

Bis-sehem ta' kulħadd ikollna ġmiel ta' ċelebrazzjonijiet li jpaxxu s-sensi u jnisslu l-imħabba lejn Alla u lejn xulxin.

### L-arranġamenti tal-ward fil-festa

Kull sena f'dawn il-festi nieħdu ħsieb inżejnu l-artal u l-istatwa b'arranġamenti ta' ward meraviljuż grazzi lil Rita Meilak għall-arranġamenti ta' fuq l-artal u lil Maryanne Curmi għall-arranġamenti ta' quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Min jixtieq jagħti sehmu fl-arranġamenti artistiċi tal-ward ta' quddiem l-istatwa jista' joffri €25 u jgħaddihom lill-Arċipriet.

Jekk il-ġabra tkun ogħla mill-ispiża, id-donazzjonijiet tagħkom ser jintużaw biex inħallsu r-restawr tal-linef il-kbar li ser jibda fis-sajf. L-ismijiet tad-donaturi ser ikunu mniżżla fuq ktieb quddiem l-istatwa titulari. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

**Taħdita dwar is-saħħa minn nutrizzjonista** organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima, nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju fl-9.45am fis-Sala Parrokkjali fi Triq Xandriku. Kulħadd mistieden.

**Il-ħinijiet tas-Sajf fil-MUSEUM tal-Bniet**, minn Lulju: Minn Year 5 'il fuq: kull nhar ta' Tlieta u Ġimgħa mill-5.30pm sas-6.30pm. Issir lezzjoni qasira u wara logħob jew xi attività.

**Il-bookings għall-intenzjonijiet tal-quddies** minn Lulju sa Diċembru 2026 ser jiftaħ minn nhar it-Tnejn 8 ta' Ġunju mill-Uffiċċju Parrokkjali.

### Il-Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.30am; 7.30am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 7.00am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.00am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am